# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 17**

**Rikors numru 605/2020/1 TA**

**Wara l-ittra uffiċjali bin-numru 931/2020, fl-ismijiet:**

**ISP Limited**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**
**(illum Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Ottubru, 2023, li permezz tagħha din laqgħet it-talba ta' ISP Limited u b'hekk iddikjarat it-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju

konvenut permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 931/2020 bħala waħda mhux mistħoqqa.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fil-21 ta' Lulju, 2020, ISP Limited fittxet li tikkontesta, skont l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-ittra uffiċjali bin-numru 931/2020, mibgħuta lilha fil-11 ta' Marzu, 2020 mid-Direttur Ġenerali (Dwana) (illum Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'riħet l-**Artikolu 3(3A) tal-Att dwar Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana**), fejn dan talabha tħallas l-ammont ta' €254,588 bħala dazju u *anti-dumping duty* fuq basktijiet tal-plastik. Fost ir-raġunijiet imressqa minnha sabiex topponi din l-ittra hija saħqet li t-talba għall-ħlas magħmula mill-konvenut hija preskritta skont l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**. Għalhekk, hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«inter alia għar-raġunijiet premessi, tiddikjara t-talba tal-intimat fl-ittra uffiċjali numru 931/20 bħala waħda infondata.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenut wieġeb għal dan ir-rikors fid-19 ta' Awwissu, 2020, fejn ta numru ta' raġunijiet għalfejn it-talba tal-kumpanija attriċi m'għandhiex tintlaqa'. F'dak li għandu x'jaqsam mad-difiża mressqa mill-kumpanija

attriċi li t-talba għall-ħlas magħmula mill-konvenut hija waħda preskritta, il-konvenut wieġeb hekk:

> *«3. Illi qabel xejn, fl-ewwel paragrafu tar-rikors tagħha s-soċjetà rikorrenti tqajjem il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 4(5) tal-Kap. 337. Illi dan l-artikolu jgħid illi:*
>
> > *«fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura,* ***l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perjodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A*** *ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi.»*
>
> *Illi huwa għalhekk pertinenti li l-perjodu ta' sitt snin imsemmi fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 337 ikun ikkunsidrat fil-kuntest tal-artikolu 12A u mhux in vacuo. Illi dan l-artikolu jgħid illi:*
>
> > *«(1) Id-dazju ta' importazzjoni għandu jiġi kkalkolat –*
> >
> > *(a) fil-ħin li* ***polza perfetta*** *ta' importazzjoni tiġi* ***reġistrata*** *direttament fil-computer tad-Dwana minn negozjant jew aġent tiegħu, jew, meta ma tiġix hekk reġistrata, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jmiss wara li tiġi ppreżentata polza perfetta ta' importazzjoni lill-Kummissarju għar-reġistrazzjoni;*
> > *jew*
> > *(b)* ***meta polza bħal dawk ma tkunx perfetta****, fil-ħin li dik il-polza tiġi* ***emendata u aċċettata bħala perfetta*** *għas-****sodisfazzjon*** *tal-Kummissarju.»*
>
> *4. Illi fil-każ odjern il-problema ewlenija hija l-valur iddikjarat tal-merkanzija konsistenti fi plastic bags. Minn investigazzjoni li għamel l-esponent irriżulta li l-valuri dikjarati kienu ferm anqas minn dak li suppost ġie iddikjarat fid-dokumenti tad-Dwana Maltija waqt l-importazzjonijiet rispettivi li għamlet il-kumpannija ISP Ltd. Illi meta d-Dwana Maltija ġabret numru ta' certificates of origin u talbet lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jivverifikaw l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, filwaqt li kienet kkonfermata l-awtentiċità taċ-ċertifikati,* ***irriżulta li l-valur reali tal-merkanzija fuq l-invoices kien madwar għaxar darbiet aktar mill-valur dikjarat lid-Dwana Maltija****, bil-konsegwenti telf ta' dazju u anti dumping duty b'detriment għall-erarju pubbliku. Irriżulta wkoll li Jet Services Limited għandha direttur komuni mas-soċjetà rikorrenti;*
>
> *5. Illi di più, b'assistenza tal-Unjoni Ewropea ċjoè Aġenzija OLAF irriżulta li l-prezz internazzjonali għal kull kilo ta' dan il-prodott iqarreb ħafna lejn il-prezz għal kull kilo kif indikat mill-awtoritajiet Ċiniżi fuq l-invoices varji. B'hekk dan ikompli jsaħħaħ it-teżi li l-valur reali tal-prodotti tal-plastik importati;*

*6. Illi jsegwi għalhekk li d-dikjarazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti* ***ma setgħu qatt ikunu kkunsidrati bħala perfetti*** *fil-mument ta' importazzjoni ġaladarba l-valur dikjarat kien wieħed inferjuri minn dak reali kif irriżulta minn investigazzjoni magħmula mill-esponent, kif se jkun muri aħjar matul il-kawża;*

*7. Tant kemm dawn id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux ikunu kkunsidrati perfetti, li wara investigazzjoni inizjali l-esponent wasal għal* ***suspett raġjonevoli*** *li l-valuri kienu tassew sottovalutati. Illi nhar it-8 ta' Novembru, 2010, l-esponent talab lis-soċjetà rikorrenti sabiex tippreżenta d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-importazzjonijiet tagħha li saru bejn Jannar 2008 sa Lulju 2009. Illi bejn Diċembru 2010, u Marzu 2011, id-Dwana Maltija kellha korrispondenza varja mal-awtoritajiet Ċiniżi sabiex ikun stabbilit il-modus operandi tas-soċjetà rikorrenti fejn jidħlu dawn id-dikjarazzjonijiet. Illi oltre għall-assistenza ta' awtoritajiet esteri, l-esponent kellu wkoll konferma nhar is-17 ta' Novembru, 2011, mill-aġenzija OLAF li l-merkanzija importata kienet tassew sottovalutata;*

*8. Illi għalhekk, jekk hemm data li għandha tkun ikkunsidrata bħala* ***punt ta' taxxa*** *kif definit fl-artikolu 12A għal fini ta' preskrizzjoni, din għandha tkun id-data meta l-esponent raġjonevolment ikkonferma li d-dikjarazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti kienu sottovalutati u stabbilixxa l-valur reali tal-merkanzija;*

*9. Illi konsegwetement, kien intavolat att ġudizzjarju fil-21 ta' Jannar, 2013, sabiex jinterpella lis-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' EUR254,588, liema att ġudizzjarju ma kienx ġie notifikat b'suċċess. Illi nhar is-27 ta' Marzu, 2015, l-esponent kien preżenta att ġudizzjarju ieħor, fejn reġa' interpella lis-soċjetà rikorrenti sabiex tħallas id-differenza fil-valur li tammonta għall-EUR254,588. Illi din id-darba dan l-att ġudizzjarju ġie finalment notifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, b'referenza għalih issir fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar l-1 ta' Novembru, 2016, u liema sservi ta' notifika fil-konfront ta' ISP Limited a tenur tal-artikolu 187(5) tal-Kap. 12 in ottemperanza mad-digriet mogħti nhar it-28 ta' Lulju, 2016, b'mod illi b'hekk* ***il-preskrizzjoni ġiet miksura****;*

*10. Illi permezz tal-att ġudizzjarju 1152/2015 preżentat nhar is-27 ta' Marzu, 2015 u notifikat sussegwentement bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***inkisret****, bil-konsegwenza li reġa' beda jiddekorri t-terminu mill-ġdid ai termini* ***tal-artikoli 2128 u tal-artikolu 2136 tal-Kap. 16****;*

*11. Illi nhar il-11 ta' Marzu, 2020, l-esponent reġa' interpella lis-soċjetà rikorrenti għall-ħlas tal-ammont pretiż, din id-darba permezz tal-proċedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liem att ġudizzjarju ġie notifikat wara l-ħin legali nhar it-3 ta' Lulju, 2020;*

*12. Illi b'hekk, is-sitt (6) snin msemmija fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 337 għadhom ma ddekorrewx minn mindu nkisret il-preskrizzjoni permezz tal-*

*interpellazzjoni appena msemmija f'para. 10. Isegwi għalhekk li* ***din l-azzjoni mhix preskritta*** *kif qed tippretendi s-soċjetà attriċi.»*

4. B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors ta' ISP Limited billi laqgħet it-talba tagħha u ddikjarat it-talba għall-ħlas magħmula mill-konvenut fl-ittra uffiċjali bin-numru 931/20 bħala waħda mhux mistħoqqa u mingħajr ebda effett fil-liġi. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet***

*1. Il-Qorti mill-ewwel tgħaddi biex tikkunsidra dak li tgħid is-soċjetà rikorrenti fil-premessa numru 4 tar-rikors tagħha u ċjoè bbażat fuq artikolu 4(5) tal-Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:*

> *«(5) Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perjodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*
>
> *Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa» (Enfasi tal-Qorti).*

*2. Mir-risposta tal-intimat Direttur, il-Qorti tifhem li l-perjodu hemm imsemmi qed ikun trattat bħala wieħed ta' preskrizzjoni. Fil-fatt l-intimat fir-risposta tiegħu jkompli jargumenta li sussegwentement ġew preżentati diversi atti ġudizzjarji: fil-21 ta' Jannar 2013, li ma kienx notifikat b'suċċess, u ieħor fis-27 ta' Marzu 2015 fejn talab l-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri. Kien però bl-ittra uffiċjali li eżerċita d-dritt taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat Direttur qiegħed għalhekk jippretendi li permezz tal-atti ġudizzjarji (dawk li minnhom ġew notifikati) interrompa l-preskrizzjoni tal-perjodu imsemmi f'artikolu 4(5) (ara risposta 13).*

*3. Għalhekk huwa essenzjali li tiġi determinata n-natura legali ta' dawn is-snin u ċjoè, jekk it-terminu huwiex wieħed preskrittiv jew dekadenzjali, għaliex id-differenza tal-effetti li teżisti bejniethom, mhux biss hija enormi iżda tista' ukoll tkun determinanti għal dawn il-proċeduri (Ara fost oħrajn* ***Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva per Maġistrat Dr. Gabriella Vella fl-ismijiet Vincent Attard f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Myra Trading Limited -vs- Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)****).*

*4. Bħala prinċipju jibda biex jingħad li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabbiltà taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni (Ara* ***Sentenzi fl-ismijiet Mizzi & Sons (Marketing) Limited -vs- Dismar Company Limited, deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004 u Noel Ellul noe et -vs- Francis Vella noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).***

*5. Din il-Qorti tgħid ukoll, li dan id-dubju għandu jkun applikat mhux biss fir-rigward taż-żmien, iżda sa fejn jirrigwarda n-natura legali tiegħu u ċjoè jekk hux wieħed preskrittiv jew ta' dekadenza. Għalhekk, il-Qorti imbarkat riċerka dwar x'għidu l-liġijiet u l-Qrati dwar dan l-aspett, partikolarment minħabba li l-materja li qed tkun trattata hija waħda fiskali.*

*6. Bħala prinċipju, il-Liġi tagħna titratta l-Istitut tal-preskrizzjoni b'mod estensiv. Iżda ma nsibu xejn fil-Kodiċi Ċivili dettaljat u spjegattiv dwar perjodi ta' dekadenza daqs kemm insibu fuq il-preskrizzjoni. Però jibda biex jingħad, li l-artikolu 2143 jistabbilixxi li l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti <u>jaqgħu bil-preskrizzjoni</u> tal-għeluq ta' tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi. L-istess frażi tintuża fil-każ tal-preskrizzjonijiet partikolari (brevi). (Ara artikoli 2148 u 2149 u anke artikoli 2153, 2155, 2156).*

*7. Fil-każ tal-garanziji għal difetti moħbija taħt l-Istitut tal-bejgħ, artikolu 1431 jiddisponi li dawn l-azzjonijiet ukoll <u>jaqgħu bil-preskrizzjoni</u>. B'danakollu, huwa paċifiku fis-Sentenzi tagħna, li dan huwa perjodu ta' dekadenza. Dan l-artikolu jagħmel referenza għall-artikolu 1407 (2) li jagħmilha ċara, li l-mixi ta' dan il-perjodu jibqa' miexi fost oħrajn kontra l-assenti, interdetti u minuri. Skont l-artikolu 2124 minn naħa l-oħra, fil-preskrizzjoni proprja ma timxix fil-każ tal-kategoriji ta' nies imsemmija. Minn hawn il-konklużjoni, li l-azzjonijiet taħt il-liġi tal-bejgħ huma termini ta' dekadenza. Għalhekk jekk terminu huwa wieħed preskrittiv jew dekadenzjali joħroġ mhux mit-test tal-liġi iżda mill-kuntest tad-dibattitu. Kif għidna, fil-każ odjern, huwa wieħed fiskali.*

*8. Però ma jfissirx li l-Qrati tagħna qagħdu lura milli jiggwidawna u jagħtuna l-għodda legali biex inkunu nistgħu niddistingwu wieħed minn ieħor.*

*…*

*9. Għalhekk wieħed mill-elementi li jagħti indikazzjoni tan-natura tat-terminu huwa meta dan ikun maħsub li jimponi żmien meta għandha titressaq il-pretensjoni. F'dan il-każ l-indikazzjoni tkun li huwa wieħed ta' dekadenza. Issa l-artikolu 4(5) tal-Kap 337 jeżiġi li l-kreditu "għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A". Għal din il-Qorti dan ifisser, li l-azzjoni għandha tkun esperita f'dan il-perjodu. Għall-Qorti din ma hix il-preskrizzjoni estintiva taħt artikolu 2017(2) tal-Kodiċi Ċivili.*

*…*

*11. Issa kif wieħed jista' josserva l-kelma preskrizzjoni ma tissemmiex f'artikolu 4(5), għaliex dak li trid il-liġi hu li tintilef azzjoni. Però rridu dejjem inżommu quddiem għajnejna li fil-kamp fiskali dawn it-termini kollha huma ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni.*

*12. Il-Qrati tagħna jkomplu jispjegaw li,*

> *«Illi d-distinzjoni bejn preskrizzjoni u dekadenza hi materja indubbjament sottili; u billi jonqos il-kriterju fissat mill-liġi, l-opinjonijiet huma wisq varji, u ma jonqsux skritturi li jaffermaw l-identità tad-dekadenza u tal-preskrizzjoni, jew almenu analoġija tali li tispinġi ruħha għall-akbar grad bejn il-waħda u l-oħra. U di fatti, Dunot jikkonfondi t-termini ta' preskrizzjoni u t-termini stabbiliti taħt piena ta' dekadenza; u Merlin jgħallem illi d-dekandenzi huma suxxerribbli tal-applikazzjoni tar-regoli kollha proprji tal-preskrizzjoni estintiva, sakemm il-liġi ma tiddisponix altrimenti, sija f'termini espressi, sija b'mod impliċitu in rapport ta' xi wħud minnhom; filwaqt li Troplong, Laurent, Aubry et Rau, u Lereaux de Bretagne ppruvaw jistabbilixxu distinzjoni bejn id-dekadenzi u l-preskrizzjonijiet….*
>
> *Skont Pugliese id-differenzi karatteristiċi bejn iż-żewġ istituti huma dawn: il-preskrizzjoni tikkolpixxi direttament id-dritt, id-dekadenza testingwi l-azzjoni pura u sempliċi; il-preskrizzjoni titfi d-dritt u tipproduċi l-liberazzjoni minn obbligazzjoni jew minn piż, id-dekadenza, għall-kuntrarju, tirrendi inoppunjabbli d-dritt li kontra tiegħu kienet tista' tiġi, u invece ma ġietx, eżerċitata l-azzjoni spettanti lill-avversarju; iżda l-istess Pugliese jirrikonoxxi illi l-ewwel proposizzjoni hija ħafna kontroversa. Għalhekk, skont Pugliese, id-dekadenza ma tipproduċix il-konsolidazzjoni ta' stat difformi mid-dritt, għall-kuntrarju, <u>tikkonserva u tikkorrobora l-istat ġuridiku pre-eżistenti, imma tneħħieh minn kull kontestazzjoni</u>, u kwindi tipproduċi l-effett dijametrikalment oppost għal dak tal-preskrizzjoni…." (Enfasi ta' din il-Qorti).»*

*13. Huwa għalhekk li l-artikolu 4(5) jiddisponi wkoll li "l-Kummissarju <u>jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perjodu msemmi"</u>. Forsi wieħed jargumenta, li l-liġi qed tgħid l-ovvju permezz ta' tawtoliġija legali. Imma lanqas huwa hekk, għaliex il-liġi qegħda tenfasizza l-ovvju tassew, imma b'din l-enfasi qiegħda wkoll tippuntwalizza li għadda dan il-perjodu tkun niżlet ix-xatba legali u l-ammont ma jistax jintalab aktar. Fil-fatt din il-Qorti osservat, li din is-sitwazzjoni hija legalment endemika għall-qasam fiskali, għaliex trid toħloq iċ-ċertezza tas-serħan tal-moħħ tat-tax-payer mingħajr ma jibqa' in perpetwità ma jafx fejn qiegħed, għaliex xħin mingħajr ma taf meta, il-Kummissarju tat-Taxxa, bħal mewt, meta l-inqas tkun qed tistennih jiġi jħabbatlek il-bieb. Kif jispjega l-**Pacifici Mazzoni, "Instituzioni di Diritto Civile Italiano", Libro II, Parte 2, f'paġna 37 et seq**, "La prescrizione colpisce indirettamente il diritto e direttamente l'azione; la decadenza colpisce senz'altro il diritto che è assogettato ad un termine e reso di breve durata."*

*14. Il-perentorjetà tat-termini u n-natura dekadenzjali tat-termini f'liġijiet fiskali ġieli anke tissemma espressament. Hekk pereżempju artikolu 32(5)*

*tal-Kap 206 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "Il-Kummissarju jista', għall-għanijiet ta' dan l-Att, jikkanċella, kull stima provviżorja li jkun ħareġ, u joħroġ stima provviżorja ġdida, u dan il-kanċellament għandu jkun bla preġudizzju li joħroġ stima provviżorja ġdida li tkun meħtieġa toħroġ taħt dan l-Att minflok l-istima provviżorja kkanċellata li għandha titqies li qatt ma ħarġet. Din l-istima provviżorja ġdida għandha tinħareġ fiż-żmien perentorju speċifikat fis-subartikolu" (Enfasi ta' din il-Qorti ara* ***Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva per Maġistrat Dr. Gabriella Vella fl-ismijiet David Muscat -vs- Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) tad-9 ta' Ġunju 2016).***

*15. F'dan ir-rigward* ***fis-sentenza fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana, Appell Ċivili deċiża fl-10 ta' Jannar 2007,*** *ingħad illi "innegabilment, il-prinċipju gwida li janima l-bżonn tal-preskrizzjoni hu rifless fil-massima 'interest reipublicae ut sit finis litium". Ma' din hi abbinata dik il-massima l-oħra li tgħid "vigilantibus et non dormientibus, jure subveniunt". Issa hu veru li applikazzjoni rigoruza ta' dawn il-massimi kapaċi toħloq inġustizzja għal parti li jkollha pretensjoni leġittima, speċjalment meta ebda tort ma jkun addebitabbli lilha għan-nuqqas ta' eżercizzju ta' l-azzjoni fiż-żmien statutorju utli. Min-naħa l-oħra, għax "tempus regit actum", fejn ma tkun teżisti ebda raġuni plawsibbli, id-dixxiplina tal-fatt għan-normattiv taż-żmien li fih iseħħ għandha tibqa' rispettata.* ***Mhux mistenni, u lanqas aċċettabbli, allura, illi l-leġislatur, bla raġuni soda u konvinċenti, jinventa mekkanizmu statutorju biex jiċċirkumventi l-preskrizzjoni stabbilita u jipprolunga temporanjament it-terminu għall-proponiment ta' azzjoni għat-tutela formali esklużiva tad-Dipartiment tat-Taxxa".***

*16. Art 31(6) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta, bi kliem simili għal dak odjern, ukoll jgħid li "Stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5) għandha ssir jew għandhom isiru mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-artikolu 10(1) sabiex jintbagħat il-prospett tal-income għal dik is-sena u mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett tal-income jew prospett ulterjuri għal dik is-sena jew li fiha tkun saret għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena". B'danakollu minkejja li ma tissemmiex il-kelma dekadenza ntqal hekk dwar dan:*

> *«illi t-terminu ta' ħames snin f'dan l-artikolu kkontemplat huwa wieħed ta' preskrizzjoni. Ara para. 26.3.iii relattiv għal "post 1999 assessments" fl-opra "Direct Taxation Manual", 2009, ippubblikata mill-Malta Institute of Taxation. Similment taħt ir-ras "Powers of the Revenue upon the Receipt of a Return" fl-opra ta' l-Avukat Dottor Robert Attard "Principles of Maltese Tax Law", 2008, paġna 143. Salv għal dak li ser jingħad aktar l-isfel, evidentement, dik il-preskrizzjoni (jekk inhi hekk), bħala modalità ta' estinzjoni, għandha b'esiġenza li tassikura ċ-ċertezza fir-rapporti ġuridiċi-fiskali, u dan skont prospettiva li tassorbi in se kull esiġenza oħra. Tqum hawn il-kwistjoni jekk allura dik l-istess preskrizzjoni għandhiex tinftiehem fis-sens wiesa' interpretat mill-Bord jew, invece, skont it-tifsira restrittiva akkordata mill-Kummissarju appellant. Meta wieħed jitkellem dwar interpretazzjoni f'sens restrittiv huwa intiż limitatament s-sinjifikat preċettiv*

*kontenut fid-dispożizzjoni tal-liġi. F'sens ampju, l-interpretazzjoni għandha b'neċessità tinftiehem bħala d-determinazzjoni ta' dik ir-regola ta' dritt li tikkomprendi, oltre t-tifsira fis-sens ristrett, anke l-individwazzjoni, jew aħjar, l-integrazzjoni, tal-lakuni leġislattivi riskontrabbli fl-ordinament ġuridiku fuq l-istregwa tal-prinċipji u tal-valuri fundamentali. Sa reċentement ħafna din il-Qorti kellha l-opportunità tagħmel din l- osservazzjoni:- "Fil-ktieb tiegħu "An introduction to Income Tax Theory" (Ed. 2005), l-awtur Dr. Robert Attard iponi d-domanda importanti jekk l-interpretazzjoni taħt l-Income Tax Act għandhiex issir fis-sens letterali jew fis-sens teleoloġiku (ara footnote 10 pagna 26). Bl-adozzjoni ta' dan l-aħħar kriterju l-interpetazzjoni tfisser li l-kontenut tan-norma tal-liġi jikkonnetti ruħu in definittiva għal dak il-fini li l-leġislatur kellu f'moħħu li jippersegwi permezz tagħha. ... Dan jinneċċessita, s'intendi, li wieħed jagħmel riferiment għall-iskop li raġjonevolment, fuq l-istregwa tal-valuri espressi minn norma partikolari u fil-mument storiku ta' l-introduzzjoni tagħha, kien hekk maħsub jkun persegwit" (ara "***Edward Privitera -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni***", 9 ta' April, 2010). Bl-adoperu ta' dan il-kriterju objettiv-teleoloġiku wieħed jevinċi illi l-interpretazzjoni tal-Bord tad-dispożizzjoni partikolari għandha tingħata preferenza fuq dik ta' l-appellanti. In linea ta' massima skont il-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "għandha ssir" ("shall be made" fit-test bl-Ingliż) jimportaw, fis-sinjifikat estiż tagħhom, illi t-terminu ta' ħames snin ma għandux ikun wieħed sempliċiment ristrett għalhiex tinħadem l-istima jew l-istima addizzjonali imma, ukoll, li tinkorpora t-twassil tagħha lit-taxpayer, f'liema każ is-sinjifikat tekniku mill-Bord profess għandu jipprevali fuq dak merament lingwistiku restrittiv ta' l-appellanti. Mod ieħor ma jagħmilx sens għaliex allura jkun ifisser illi jiddependi b'mod esklussiv mill-volontà unilaterali tal-Kummissarju meta, u f'liema żmien għandha titwassal u tiġi notifikata dik l-istima, u dan ma jidherx li hu wisq raġjonevoli skont l-ispirtu informatur tal-liġi. Kif taraha din il-Qorti, id-disposizzjoni relattiva [Artikolu 31(6)] ma tistax tiżvolġi il-funzjoni restrittiva tal-portata semantika tal-espressjoni użata, kif hekk jippretendi l-appellanti, għaliex inkella jeżisti r-riskju li wieħed jitlef di vista l-iskop li, oġġettivament, għandu jkun rikonoxxut jew mislut bħala dak segwit mil-leġislatur. … it-terminu kwinkwennali għal liema jirreferi l-Artikolu 31(6) mhux lanqas preskrizzjonali <u>iżda pjuttost wieħed perentorju u dekadenzjali</u>. U la dan huwa hekk, iġib li dak l-istess terminu ma jistax jiġi prorogat, in difett ta' previżjoni normattiva espressa, għall-fini tan-notifikazzjoni tal-istima, jekk dak it-terminu ma jkunx ġie rispettat.» (Emfażi tal-Qorti) (Ara* ***Sentenza fl-ismijiet Paul Ciantar -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2010****).*

*17. Għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-perjodu ta' sitt snin imsemmi f'artikolu 4(5) tal-Kap 337 huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Li kieku kellu jiġi argumentat mod ieħor, il-Kummissarju tat-Taxxi jkollu d-diskrezzjoni xejn raġjonevoli li jipprolunga l-proċeduri kemm irid għad-detriment tal-individwu.*

*18. Stabbilita n-natura ġuridika tat-terminu f'artikolu 4(5) tal-liġi, issa jmiss li jiġi stabbilit jekk it-talba mill-intimat taħt artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta saritx entro t-terminu inkwistjoni. Jibda mill-ewwel biex jingħad, li trattandosi ta' terminu ta' dekadenza, kull argument dwar sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu huwa għalkollox superfluwu. Huwa ormai paċifiku kemm fit-tagħlim tal-ġuristi u anke tal-Qrati li dan it-terminu kuntrarjament*

*għal dak ta' preskrizzjoni la jista' jkun sospiż u wisq anqas interrot. Perjodu ta' dekadenza mhux soġġett għar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni. Dak it-terminu mhux prorogabbli, u l-inattività tal-kreditur tippreġudikalu d-drittijiet tiegħu. Skadut dak it-terminu, l-azzjoni mhix aktar proponibbli (ara* ***Sentenza fl-ismijiet Camilleri -vs- Micallef, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998****).*

*19. Għalhekk issa jmiss li jiġi stabbilit liema huwa il-puncto temporis minn meta bdew jiddekorru is-sitt snin imsemmija f'artikolu 4(5) tal-liġi. Artikolu 12A jiddisponi li,*

> *«(1) Id-dazju ta' importazzjoni għandu jiġi kkalkolat - (a) fil-ħin li <u>polza perfetta ta' importazzjoni tiġi reġistrata direttament fil-computer tad-Dwana minn negozjant jew aġent tiegħu</u>, jew, meta ma tiġix hekk reġistrata, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jmiss wara li tiġi ppreżentata polza perfetta ta' importazzjoni lill-Kummissarju għar-reġistrazzjoni;*
>
> *Jew (b) meta polza bħal dawk ma tkunx perfetta, fil-ħin li dik il-polza tiġi emendata u aċċettata bħala perfetta għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju; u, f'kull każ, huwa f'dak il-punt ta' ħin li l-imsemmija rata ta' dazju u rata ta' kambju għandhom japplikaw.» (Enfasi tal-Qorti).*

*20. Imma fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti lanqas għandha għalfejn toqgħod tagħmel il-verifiki meta giet reġistrata fil-kompjuter, għaliex ir-risposta tinsab fl-istess risposta tal-intimat għar-rikors promotur. Fir-risposta numru 7 l-intimat Direttur jgħid hekk "Illi in oltre għall-assistenza tal-Awtoritjiet esteri, l-esponent kellu wkoll konferma fis-<u>17 ta' Novembru 2011</u>, mill-agenzija Olaf li l-merkanzija importata kienet tassew żvalutata" (a fol 120). B'referenza għad-data imsemmija fir-risposta numru 8 jgħid li "ai fini tal-artikolu 12A għal fini ta' preskrizzjoni, <u>din għandha tkun id-data</u> meta l-esponent ragjonevolment ikkonferma li dikjarazzjonijiet tas-Soċjetà rikorrenti kienu sottovalutati u stabbilixxa l-valur rejali tal-merkanzija".*

*21. Ovvjament din ir-risposta saret fid-dawl tal-fatt li l-intimat Direttur beda jqis il-perjodu f'artikolu 4(5) bħala wieħed preskrittiv allura kien qiegħed jassumi li t-talba saret fiż-żmien bl-operazzjoni tal-interruzzjoni tal-iskritturi ġudizzjarji fuq imsemmija. Imma ġaladarba stabbilit li dan il-perjodu huwa ta' dekadenza, is-sitt snin bdew jiddekorru mis-<u>17 ta' Novembru 2011</u>. Dan ifisser li l-intimat Direttur kellu sat-18 ta' Novembru 2017 biex jagħmel il-proċedura taħt artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ma għamlux. L-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 466 saret fil-11 ta' Marzu 2020 għalhekk oltre iż-żmien li trid il-liġi.»*

5. B'rikors tal-appell imressaq fid-9 ta' Novembru, 2023, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana talab għat-tħassir ta' din is-sentenza fuq is-saħħa ta' tliet aggravji fejn ilmenta: (i) li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti

tmur kontra dak misjub fl-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) li l-Ewwel Qorti ċaħħditu mill-benefiċċju tal-eżami doppju; u (iii) li l-Ewwel Qorti interpretat b'manjiera ħażina l-liġi.

6. ISP Limited wieġbet għal dan l-appell fl-21 ta' Ottubru, 2024 u hemm tat r-raġunijiet tagħha għalfejn temmen li dan l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

8. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-Kummissarju konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq l-eċċezzjoni tad-dekadenza mqajma minnha *ex officio* fis-sentenza stess mingħajr ma tat lill-partijiet l-opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwarha, b'nuqqas ta' ħarsien tal-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Isostni li d-difiża li ressqet il-kumpanija appellanti fir-rikors tagħha kienet sewwasew dik li t-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju konvenut hija preskritta skont l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta'**

**Importazzjoni** u mhux li l-istess Kummissarju kien iddekada mill-jedd tiegħu li jitlob dan il-ħlas.

9. Itenni jgħid li l-kwistjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni meħuda mill-Kummisarju konvenut qajmitha biss u għall-ewwel darba l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, b'tali mod li din ċaqalqet il-lasti fl-aktar punt misjur tal-azzjoni. Jissokta jisħaq li jekk l-Ewwel Qorti tassew setgħet tqajjem minn jeddha din l-eċċezzjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni, dan kellu jsir biss b'digriet kamerali jew mogħti fil-miftuħ qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza u żgur mhux qabel il-partijiet ingħataw iċ-ċans li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwarha. Jagħlaq billi jgħid li l-Ewwel Qorti m'għamlet xejn minn dan u b'hekk ma mxietx ma' dak li jgħid l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

10. Imbagħad, **<u>it-tieni aggravju</u>** tal-Kummissarju konvenut huwa msawwar fuq l-argumenti mressqa minnu fl-ewwel aggravju tiegħu fejn huwa jsostni li bin-nuqqasijiet tagħha, l-Ewwel Qorti poġġietu fi żvantaġġ għaliex huwa biss f'dan l-istadju tal-appell li jinsab f'qagħda li jindirizza l-kwistjoni tad-dekadenza tal-azzjoni meħuda minnu, li tqanqlet mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Huwa jgħid li meqjus dan, jekk kemm-il darba l-ewwel aggravju tiegħu jintlaqa', l-atti tal-kawża għandhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex huwa ma jitlifx il-benefiċċju tal-eżami doppju.

11. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-Kummissarju appellant li l-Ewwel Qort qanqlet eċċezzjoni ġdida minn rajha fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2023. Kemm hu hekk, l-ewwel premessa tar-rikors tal-bidu li tressaq mill-kumpanija attriċi, taqra hekk:

> *«Illi t-talba tad-Direttur Ġenerali (Dwana) fl-ittra uffiċjali tiegħu numru 931/20 li fiha jitlob il-ħlas ta' €254,588 (mitejn erbgħa u ħamsin elf ħames mija tmienja u tmenin Ewro) ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12, hija preskritta skont l-Art. 4(5) tal-Kap. 33.»*

12. Issa huwa minnu li għalkemm fir-rikors tagħha, il-kumpanija attriċi użat il-kelma *«preskritta»* u ma semmietx il-kliem *«dekadenza»* jew *«iddekadiet»*, l-Ewwel Qorti interpretat il-perjodu ta' sitt snin li jissemma fl-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** bħala wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Madankollu, din il-Qorti ma tarax kif b'daqshekk biss jista' jingħad li l-Ewwel Qorti qajmet xi eċċezzjoni jew difiża ġdida għat-talba għall-ħlas ta' dazju magħmula mill-Kummissarju appellant.

13. Tabilħaqq, b'din id-difiża tagħha, li tqajmet formalment fir-rikors tal-bidu, il-kumpanija attriċi riedet tfisser biss li bil-mixi tal-perjodu ta' sitt snin imsemmi fl-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, il-Kummissarju appellant tilef il-jedd tiegħu li jmexxi b'kawża biex jiġbor l-ammont ta' €254,588 f'dazju mingħandha. Lil hemm mill-kwistjoni dwar jekk dan il-perjodu ta' żmien huwiex wieħed ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza, biex tasal biex tagħti d-deċiżjoni tagħha, l-Ewwel Qorti kellha

ta' bilfors tagħmel interpretazzjoni ta' dak li jgħid dan l-artikolu tal-liġi.

14. Għalhekk, mhuwiex siewi l-Kummissarju appellant meta jilmenta li l-Ewwel Qorti ħasditu għaliex iddeċidiet il-kawża fuq punt li qatt ma tqajjem fil-kawża. Din id-difiża tal-kumpanija attriċi kienet imsejsa fuq l-**Artikolu 4(5)**, hawn fuq imsemmi, u għax l-interpretazzjoni li finalment ingħatat mill-Ewwel Qorti dwaru ma għoġbotx lill-Kummissarju, huwa ma jistax jilmenta li ġie sorpriż b'difiża ġdida, li skontu tqajmet mill-Ewwel Qorti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissarju seta' jobsor li qari ta' dan l-artikolu tal-liġi jista' jwassal għal diversi interpretazzjonijiet dwar dak li dan irid ifisser u ma kellu jieħu xejn b'benfatt (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***George Agius et v. Charles V. Schembri et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2005).

15. Terġa' u tgħid, din il-Qorti tinsab x'aktarx imħassba kif il-Kummissarju għoġbu jressaq dawn l-ewwel żewġ aggravji tiegħu meta wieħed iqis li fir-rikors tal-appell huwa fl-ebda waqt ma jilmenta li l-perjodu ta' sitt snin misjub fl-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** għandu jiġi interpretat bħala wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, bil-maqlub ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti. Mill-manjiera ta' kif il-Kummissarju appellant ressaq l-argumenti tiegħu fir-rikors tal-appell, b'mod partikolari dak li ġie sottomess fit-tielet aggravju tiegħu dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, din il-Qorti fehmet li għall-istess Kummissarju ma tagħmilx wisq differenza jekk il-perjodu msemmi f'dan l-

artikolu għandux jitqies bħala wieħed ta’ dekadenza jew ta’ preskrizzjoni. Għalhekk, ma tinftehimx ir-raġuni għalfejn il-Kummissarju deherlu li kellu jressaq dawn iż-żewġ aggravji.

16. Minn dan kollu jsegwi li l-Kummissarju appellant mhuwiex siewi meta jgħid li l-Ewwel Qorti qanqlet difiża ġdida u ma tatx l-opportunità lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet dwarha. Lanqas huwa siewi fl-argument tiegħu li huwa ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-eżami doppju dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni**. Wara kollox, kif diġà ngħad, id-difiża li dwarha l-Ewwel Qorti tat id-deċiżjoni tagħha, tqajmet formalment mill-kumpanija attriċi mal-kontestazzjoni mressqa minnha u mhux minn dik il-Qorti minn rajha. Jiġi b’hekk, l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jgħoddx għal dan il-każ.

17. L-ewwel żewġ aggravji tal-Kummissarju appellant qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.

18. Imiss issa li jiġi mistħarreġ it-**<u>tielet u l-aħħar aggravju</u>** tal-Kummissarju konvenut. F’dan l-aggravju, il-Kummissarju appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ħaddmet b’mod ħażin l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni**. Huwa jisħaq li skont dan is-subinċiż tal-liġi, huwa għandu l-jedd li jitlob il-ħlas ta’ dazji ta’ importazzjoni fiż-żmien ta’

sitt snin li jibda miexi mill-punt ta' taxxa kif hemm imfisser fl-**Artikolu 12A** tal-istess **Att**. Jargumenta li anke jekk għall-grazzja tal-argument biss is-sitt snin huwa perjodu dekadenzjali, hekk kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti, fid-dawl ta' dak li jgħid dan is-subinċiż tal-liġi, l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ jekk it-talba għall-ħlas u n-notifika tagħha sarux min-naħa tiegħu fiż-żmien hawn fuq imsemmi u mhux jekk huwa nediex l-azzjoni biex jiġbor il-ħlas fl-istess żmien. Dan sewwasew għaliex skont il-Kummissarju appellant, il-liġi titkellem biss dwar iż-żmien li fih għandha ssir it-talba għall-ħlas min-naħa tiegħu u mhux dwar iż-żmien li fih huwa għandu jibda azzjoni biex jiġbor il-ħlas tad-dazju.

19. L-appellant isostni li liġi fiskali, bħal dik inkwistjoni, għandha fejda u utilità pubblika u b'hekk it-tifsira li jeħtieġ li tingħatalha trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi mingħajr tiġbid żejjed. Jerġa' jtenni li l-kliem użat fil-liġi huwa dak ta' "jitlob il-ħlas" u mhux "jiġbor" jew "iniedi azzjoni", bħal kif irraġunat l-Ewwel Qorti. Iżid jgħid li minn dan isegwi li ma kien hemm ebda ħtieġa min-naħa tiegħu li jibda l-proċedura skont l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew xi tip ta' azzjoni oħra fi żmien sitt snin mill-punt ta' taxxa. Dan għaliex, dejjem skont l-appellant, l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** jeħtieġ biss li ssir talba għall-ħlas tad-dazju fi żmien sitt snin sabiex b'hekk id-debitur ikun mgħarraf b'dak li għandu jħallas.

20. L-appellant ikompli jfisser li jekk fil-mument tan-notifika tat-talba għall-ħlas, id-debitur ma jaqbilx ma' dak mitlub, huwa għandu d-dmir li skont l-**Artikolu 9 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, jagħmel talba bil-miktub lill-Kummissarju sabiex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu, u f'każ li din id-deċiżjoni tiġi kkonfermata għandu l-jedd li jibda proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif jipprovdi l-**Artikolu 9(2) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**. Skontu, jekk id-debitur ma jagħmel xejn minn dan – bħal kif ġara f'dan il-każ – dan jitqies li jkun aċċetta d-deċiżjoni tal-Kummissarju.

21. Il-Kummissarju appellant jisħaq li huwa ssodisfa l-obbligu tiegħu li jitlob il-ħlas tad-dazju mingħand il-kumpanija appellata fi żmien is-sitt snin li jsemmi l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, għaliex fit-12 ta' Lulju, 2016, wieħed mid-diretturi tal-kumpanija appellata laqa' n-notifika ta' att ġudizzjarju mibgħut minnu fejn saret talba għal dan il-ħlas. Jgħid li dan hu hekk, kemm jekk il-perjodu msemmi jitqies li huwa wieħed ta' preskrizzjoni u kif ukoll jekk dan jitqies li huwa wieħed ta' dekadenza.

22. L-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, li dwar l-interpretazzjoni tiegħu jinsab imsejjes dan l-aggravju, jaqra hekk:

> *«4.(5) Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*

> *Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa.»*

23. Din il-Qorti titlaq billi tagħraf li ħadd mill-partijiet ma ressaq appell minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din qieset il-jum tas-17 ta' Novembru, 2011 bħala l-punt ta' taxxa kif imfisser fl-**Artikolu 12A tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, li minnu beda miexi l-perjodu ta' sitt snin imsemmi fl-**Artikolu 4(5)** tal-istess **Att**. Kemm hu hekk, kien il-Kummissarju appellant stess li fit-tweġiba tiegħu għall-att tal-bidu saħaq li dan il-jum għandu jitqies bħala l-punt ta' taxxa minħabba li kien sewwasew dakinhar li huwa kellu konferma mill-OLAF li l-merkanzija importata mill-kumpanija attriċi kienet waħda żvalutata. Għalhekk, din il-parti tas-sentenza issa għaddiet f'ġudikat u din il-Qorti hija marbuta bil-jum tas-17 ta' Novembru, 2011 bħala d-data li minnha għandu jitqies li telaq jimxi ż-żmien ta' sitt snin li fih kellu jibqa' dovut il-ħlas tad-dazju favur il-Kummissarju appellant.

24. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-Kummissarju appellant huwiex siewi fl-interpretazzjoni tiegħu li l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** jobbligah biss li jitlob il-ħlas tad-dazju u mhux li jibda azzjoni biex jiġbor dan il-ħlas fiż-żmien ta' sitt snin, hawn fuq imsemmi. Tali interpretazzjoni tfisser li l-obbligu tal-ħlas tad-dazju jista' jibqa' sospiż għal dejjem, basta li l-Kummissarju jressaq

sempliċi talba għall-ħlas fi żmien sitt snin.

25. Il-Qorti tistqarr minnufih li hija ma taqbel xejn mat-tifsira li l-Kummissarju appellant qiegħed jagħti lil dan l-artikolu tal-liġi. Huwa ovvju minn kliem l-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, li l-Kummissarju appellant jeħtieġlu fi żmien sitt snin illi mhux sempliċement jitlob li jitħallas id-dazju iżda wkoll li jibda proċeduri legali li jwassluh għall-kisba ta' titlu eżekuttiv b'rabta mal-ħlas ta' dak id-dazju.

26. Din il-Qorti kienet tkun lesta li tħaddan l-interpretazzjoni tal-Kummissarju appellant li kieku t-talba għall-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni setgħet twassal għall-ksib ta' titlu eżekuttiv bħalma nsibu fl-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** u fl-**Artikolu 59(2) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, meta l-Kummissarju jibgħat avviż jew nota ta' talba għall-ħlas tat-taxxa fuq id-dħul jew għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud. L-**Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** iżda ma jipprovdi għal ebda mekkaniżmu legali bħal dan, li bih il-Kummissarju appellant jista' jikseb titlu eżekuttiv wara li jibgħat avviż jew nota għall-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni.

27. Għad li huwa minnu dak li jgħid il-Kummissarju appellant li l-kumpanija attriċi setgħet inqdiet bir-rimedju tal-appell imsemmi fl-**Artikolu 9 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** sabiex tikkontesta t-

talba għall-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni li huwa kien bagħtilha fis-27 ta' Marzu, 2015, u li waslet għandha f'Lulju tal-2016, b'danakollu xorta waħda jibqa' l-fatt li n-nuqqas ta' użu ta' dak l-appell min-naħa tal-kumpanija attriċi ma dawwarx it-talba għall-ħlas imressqa mill-Kummissarju f'titlu eżekuttiv. Hekk ukoll, in-nuqqas ta' użu tal-appell min-naħa tal-kumpanija attriċi ma ta ebda jedd lill-Kummissarju sabiex jitlob il-ħruġ ta' mandati eżekuttiv biex jiġbor id-dazju li jgħid li huwa dovut lilu. Fil-fatt, minkejja li l-kumpanija attriċi ma użatx ir-rimedju tal-appell imsemmi fl-**Artikolu 9 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni,** il-Kummissarju xorta waħda kellu bżonn jibgħat ittra uffiċjali taħt l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jipprova jikseb titlu eżekuttiv dwar id-dazju li jgħid li huwa dovut lilu. Kif nafu, taħt dan l-artikolu tal-liġi, il-kumpanija attriċi kellha l-jedd li tikkontesta l-kreditu allegat mill-Kummissarju quddiem il-Qorti, kif fil-fatt għamlet.

28. Anzi, l-użu tal-proċedura misjuba fl-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ikompli juri li l-Kummissarju appellant kien jaf li t-talba għall-ħlas magħmula minnu fis-27 ta' Marzu, 2015 ma kinitx issarraf f'deċiżjoni finali u dan minkejja li din ma kinitx ġiet attakkata bir-rimedju tal-**Artikolu 9 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**.

29. Fuq kollox, kien biss f'dan l-istadju tal-appell li l-Kummissarju appellant ressaq l-argument li l-kumpanija attriċi naqset milli tikkontesta t-talba għall-ħlas mibgħuta minnu skont l-**Artikolu 9 tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni** u għalhekk mhuwiex leċitu li jressaq difiża ġdida li ma kinitx fost l-eċċezzjonijiet mressqa minnu quddiem l-Ewwel Qorti.

30. Minn dan kollu jsegwi li mhux biżżejjed għall-Kummissarju li jibgħat sempliċi talba għall-ħlas tad-dazju biex imewwet it-terminu ta' sitt snin imsemmi fl-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, ladarba skont dan l-**Att**, it-talba għall-ħlas waħidha (anke jekk din ma tiġix ikkontestata) ma twassalx għal titlu eżekuttiv.

31. Mod ieħor, biex il-Kummissarju appellant ikun jista' jiġbor dak li huwa dovut lilu bħala dazji ta' importazzjoni, huwa għandu jieħu ħsieb jibgħat ittra uffiċjali taħt l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** jew inkella jiftaħ kawża quddiem Qorti sabiex jikseb titlu eżekuttiv dwar l-ammont fi żmien sitt snin mill-punt ta' taxxa kif hemm imfisser fl-**Artikolu 12A tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**.

32. Fil-każ tagħna, il-proċedura mibdija mill-Kummissarju taħt l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** saret aktar minn tmien snin wara li d-dazju mitlub minnu sar dovut, fis-17 ta' Novembru, 2011.

33. Jiġi b'hekk, li bit-tħaddim tal-**Artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**, il-Kummissarju appellant tilef il-jedd li jħarrek lill-kumpanija attriċi għall-ammont ta' €254,588 f'dazju u *anti-dumping duty*.

34. Għalhekk, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess Kummissarju.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb